**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023**

**Rikors numru: 35/2023 BS**

**Dottor Larry Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer RS**

**-vs-**

**HS**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dottor Larry Formosa għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer RS li ppremetta:**

1. *"ILLI l-partijiet iżżewġu nhar id-19 ta' Marzu 2005;*

2. *ILLI minn dan iż-żwieġ ma kellhomx ulied;*

3. *ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante;*

i. *Illi l-partijiet ilhom de jure u de facto separati sa minn qabel is-17 ta' Frar 2020 u ilhom legalment separati sal mil-20 ta' Lulju 2021 in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Maria Pisani hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. LF 2';*

ii. *Illi ma hemm ebda manteniment dovut mil-partijiet;*

iii. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli jew remot għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

4. *ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bħala 'Dok. LF3'."*

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. *"TIPPRONUNZJA d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ li ċelebrat mill-partijiet fid-19 ta' Marzu 2005; u*

2. *TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta minn issa in subizzjoni."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta illi eċċepiet:**

1. *"Illi l-esponenti tikkonferma li l-partijiet iżżewġu fid-19 ta' Marzu 2005.*
2. *Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dotto Maria Pisani nhar it-20 ta' Lulju 2021.*
3. *Illi l-esponenti taqbel illi ma hemmx tama' li jirrkonċiljaw.*
4. *Illi l-esponenti taqbli illi l-ebda manteniment ma huwa dovut.*
5. *Għaldaqstant hija tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur.

Rat ir-risposta tal-konvenuta nomine li biha iddikjarat li taqbel mall-premessi tal-attur u li ma hemm l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni.

Rat ukoll l-affidavit tal-konvenuta.

Fliet id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2021.

Il-partijiet jiddikjaraw illi ma hemmx pendenzi bejniethom. Irriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Rat illi fir-risposta tagħha l-konvenuta mhux qed topponi t-talba u li l-fatti ddikjarati mill-attur ikkonfermathom wkoll fl-affidavit tagħha.

**Deċide.**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u fil-waqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mill-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjez mingħajr taxxa għandhom jitħallsu mill-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur